# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1017/19/2 GM**

**Sarah Engerer**

**v.**

**L-Onorabbli Ministru tal-Ġustizzja u l-Avukat Ġenerali llum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tas-17 ta' Jannar, 2024, magħmula mill-attriċi Sarah Engerer taħt is-**subinċiż (e) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti, b'sentenza

mogħtija fil-25 ta' Ottubru, 2023, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

## Daħla

2. B'rikors maħluf tal-25 ta' Ottubru, 2019, l-attriċi fissret li hija teżerċita l-professjoni legali taħt it-titlu ta' *Barrister* u tgawdi mid-dritt ta' smigħ fil-Qrati tar-Renju Unit. Tgħid li fis-sena 2010 hija bdiet tipprattika f'Malta ma' bank; filwaqt li fis-sena 2014 il-professjoni tal-attriċi ġiet mgħarrfa f'Malta tant li nħareġ ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni Legali taħt it-Titlu ta' Pajjiż ta' Oriġini.

3. Fid-dawl ta' dan, l-attriċi tgħid li stabbiliet ruħha u bdiet teżerċita regolarment il-professjoni legali f'Malta taħt it-titlu professjonali ta' *Barrister* f'Malta b'riħet ir-**Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjoni Legali**. Sussegwentement f'Marzu 2015 l-attriċi għamlet talba sabiex tingħata l-fakultà li teżerċita l-Professjoni legali tagħha (*barrister*) taħt it-titlu professjonali li llum jikkorrispondi għall-professjoni f'Malta (ċjoè avukat) u dana abbażi tar-**Regolament 6(5)** u **6(9) tal-Avviż Legali 273 tas-sena 2002**, liema Regolamenti ttrasponew f'Malta d-**Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni.

4. L-attriċi tfisser li din l-applikazzjoni saret mal-President ta' Malta għaliex skont ir-**Regolament 2 tal-Avviż legali 273 tal-2002**, l-awtorità nominata fir-Rigward tal-Professjoni legali, tirreferi għall-President ta' Malta.

5. Tissokta tgħid li minkejja dak li jgħid ir-**Regolament 11 tal-Avviż Legali 273 tas-sena 2002**, l-attriċi ma ngħatat ebda risposta għajr li ġiet infurmata li r-rikjesta tagħha kienet intbagħtet lill-Ministru tal-Ġustizzja. Fit-2 ta' Settembru 2019, u ċjoè iktar minn erba' snin wara, il-konvenut l-Avukat Ġenerali bagħat ittra fejn iddikjara li hija ma setgħetx tikseb dħul fil-professjoni legali f'Malta u d-dritt li teżerċita l-professjoni legali taħt it-titlu professjonali li jkun jikkorrispondi għall-professjoni f'Malta (u ċjoè, "avukat"), ħlief wara li jsir eżami tal-*Warrant* u dan minkejja li l-istess Avukat Ġenerali għaraf li skont ir-regolamenti fuq imsemmija ma setax jintalab minnha li tagħmel *an aptitude test*, u ċjoè l-eżami tal-*Warrant*.

6. Għalhekk l-attriċi tgħid li jirriżulta li mhux biss ma ngħatat l-ebda deċiżjoni fir-rigward tat-talba tagħha, iżda wkoll jidher li l-konvenuti ma humiex qegħdin japplikaw id-Direttivi applikabbli b'mod tajjeb. Lil hemm mit-traspożizzjoni tagħhom hija tisħaq li d-**Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati

Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni; u d-**Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (kif emendati minn żmien għal żmien) huma t-tnejn applikabbli direttament f'Malta u għalhekk il-konvenuti għandhom obbligu li jobdu u jagħtu effett lil dawn id-Direttivi fid-dawl tal-interpretazzjoni li tkun ingħatat lilhom mill-Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u dan anke abbażi tal-**Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kapitolu 460 tal-Liġijiet ta' Malta)** u l-**Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**.

7. L-attriċi ssostni li għalhekk il-konvenuti jew min minnhom bid-dewmien u bin-nuqqas ta' deċiżjoni qegħdin iċaħħduha mhux biss mid-drittijiet tagħha skont id-**Direttiva 98/5/KE** iżda wkoll mid-dritt tal-libertà ta' moviment u dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u għal rimedju effettiv kif imħarsa fil-liġi inkluż l-**Artikoli 15, 41** u **47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea**. B'hekk fetħet il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li n-nuqqas da parti tal-awtorità nominata tagħti deċiżjoni u/jew li tipproċessa t-talba fi żmien raġonevoli jilledi d-dritt tal-attriċi inkluż id-dritt tax-xogħol, ta'l-libertà ta' moviment u dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u għal rimedju effettiv kif protetti fil-liġi inkluż l-Artikoli 15, 41 u 47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*
>
> *2. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom naqsu li japplikaw korrettement u skont il-liġi Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni, u/jew id-Direttiva 2005/36/KE tal-*

*Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali.*

*3. Tiddikjara li l-attriċi ilha tipprattika taħt it-titlu professjonali tal-pajjiż ta' oriġini ("barrister") li jintuża fir-Renju Unit u li effettivament u regolarment eżerċitat xi attività professjonali f'Malta għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin.*

*4. Tiddikjara li l-attriċi għandha dritt tikseb dħul fil-professjoni legali f'Malta u d-dritt li teżerċita taħt it-titlu professjonali li jkun jikkorrispondi għall-professjoni f'Malta mingħajr ma jkollha tħares il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 9(2) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonxximenti Reċiproku tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali u dana a tenur tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjoni Legali u d-Direttiva 98/5/KE.*

*5. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex immedjatament u mingħajr iktar dewmien joħorġu Awtorizazzjoni skont is-subregolament 6(5) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjoni Legali u d-Direttiva 98/5/KE u/jew Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni legali taħt it-titlu professjonali li jkun jikkorrispondi għall-professjoni f'Malta, u ċjoè "Avukat".*

*6. Tordna lill-intimati jagħtu kull rimedju ieħor xieraq u opportun inkluż iżda mhux limitat li tikkundanna lill-intimati jħallsu lill-attriċi kumpens għad-danni pekunjarji u mhux pekunjarji minħabba l-vjolazzjoni tal-jeddijiet tagħha kif stabbilit u protett kemm bil-karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll mid-direttivi 98/5/KE u 2005/36/KE (kif sussegwentement emendati).*

*Bl-ispejjeż inkluż tal-protest ġudizzjarju 457/19 u bl-inġunzjoni in subizzjoni tal-intimati.»*

8. Il-konvenuti ressqu r-risposta maħlufa tagħhom u fil-qosor eċċepew: (i) li t-talba attriċi mhijiex ammissibbli minħabba li hija waħda vaga u ma jingħadx x'inhu l-jedd li fuqu hija msejsa l-azzjoni kollha; (ii) li l-Ministru mħarrek mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi fuq is-saħħa ta' dak li jgħid l-**Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (iii) li r-**Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali** ma jgħoddux għall-każ tal-attriċi għaliex dawn tħassru u minflokhom saru r-

**Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali tal-2007**[1], u li (iv) l-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** ma tgħoddx għall-każ tal-lum għaliex dak l-att jgħodd esklussivament għall-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u għall-Istati msieħba biss meta jkunu qegħdin jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni (**Art. 5(1) tal-Karta**). Fil-mertu, laqgħu billi, għar-raġunijiet imfissra minnhom f'għaxar taqsimiet, qalu li l-allegazzjonijiet tal-attriċi kienu għalkollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

9. Permezz ta' tweġiba ulterjuri, il-konvenuti qajmu n-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni attriċi.

10. B'sentenza mogħtija fl-10 ta' Ġunju, 2021 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, astjeniet milli tqis l-ewwel eċċezzjoni, ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri, laqgħet it-tieni eċċezzjoni u ħelset lill-Ministru konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju, laqgħet it-tieni eċċezzjoni, astjeniet milli tqis ir-raba' eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

11. B'rikors tat-30 ta' Ġunju, 2021 l-attriċi appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Hija ressqet ħames aggravji: (i) li l-konvenuti kollha huma l-kontradittauri leġittimi tal-azzjoni tagħha u għalhekk il-Ministru ma kellux jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) li d-**Direttiva 98/5EEC** m'għandha

[1] A.L. 422/07 (L.S. 451.03).

x'taqsam xejn mad-**Direttiva 2005/36EC** billi tal-ewwel hija liġi speċjali li tirregola qagħdiet partikolari waqt li tat-tieni hija liġi ġenerali li ma tmissx qagħdiet regolati mill-ewwel waħda; (iii) li l-awtorizzazzjoni meħtieġa taħt id-**Direttiva 98/5EEC** ma tistax titqiegħed taħt xi kundizzjoni nazzjonali bħalma hija dik imsemmija fl-**Artikolu 81 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (iv) li bis-saħħa ta' dak li tipprovdi d-**Direttiva 98/5EEC** hija għandha l-kwalifiki biex titħalla tagħti s-servizzi professjonali legali f'Malta, ċjoè bħala "avukat"; u (v) li hija ġarrbet dewmien u preġudizzju meta l-konvenuti jew min minnhom u l-Awtorità nazzjonali baqgħu għal tul ta' żmien ma wieġbux għat-talba tagħha mingħajr ma ċaħduhielha.

12. Il-konvenuti ressqu tweġiba għall-appell fit-22 ta' Lulju, 2021 u taw ir-raġunijiet tagħhom għala l-appell kellu jiġi miċħud.

13. Illi b'sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar, 2023, din il-Qorti b'Imħallfin differenti ddeċidiet, ċaħdet l-appell imressaq mill-attriċi u kkonfermat is-sentenza appellata għalkollox, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

14. Ir-raġunijiet relevanti għall-azzjoni tal-lum li wasslu lill-Qorti tal-Appell biex tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

*«18.Illi l-Qorti se tqis **it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji** tal-appellanti*

*flimkien minħabba r-rabta kbira li hemm bejniethom. F'dawn it-tliet aggravji l-appellanti tibda biex tgħid li billi d-Direttiva 98/5 hija għalkollox indipendenti mid-Direttiva 2005/36, ma kienx sewwa li l-awtorizzazzjoni taħt id-direttiva tal-1998 titqiegħed suġġetta għall-kundizzjonijiet tad-Direttiva tal-2005 li hija "liġi ġenerali li ma tidħolx fis-sitwazzjonijiet regolati mill-ewwel direttiva" u għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet ħażin meta qalet li biex persuna tkun tista' titħalla taħdem ta' avukat f'Malta l-kundizzjonijiet mitluba fiż-żewġ Direttivi għandhom jitqiesu flimkien. L-appellanti tgħid li, filwaqt li jista' jkun minnu li ż-żewġ Direttivi jikkumplimentaw lil xulxin, persuna bħalha (li kisbet kwalifiki barra minn Malta) li trid taħdem ta' avukat f'Malta jkun biżżejjed għaliha li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' waħda minnhom biex tista' tikseb l-għan tagħha. Dwar dan, issemmi xi deċiżjonijiet tal-Q.Ġ.U.E. biex issaħħaħ dan l-argument. Minbarra dan, fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanti tgħid li l-awtorizzazzjoni mogħtija taħt is-saħħa tad-Direttiva 98/5 ma tistax tkun suġġetta għal kundizzjonijiet għalkollox nazzjonali bħalma huwa l-eżami tal-warrant għall-avukati kif imsemmi fl-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tqis li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 81 jammontaw għal "xejn anqas minn ksur tad-dritt Ewropew billi hija effettivament rifjut tal-intimati li jagħtu effett għad-direttiva" u li t-traspożizzjoni ta' atti legali tal-Unjoni fil-liġi Maltija ma tistax tissoġġetta d-dispożizzjonijiet tal-atti tal-Unjoni għal-liġijiet oħra nazzjonali. Fir-raba' aggravju, tiġbor l-argumenti li għamlet fiż-żewġ aggravji ta' qablu u tgħid li hija għażlet li tressaq it-talba tagħha biex titħalla taħdem bħala "avukat" f'Malta fuq il-kwalifiki li jagħrfilha l-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/5 u bis-saħħa ta' liema Direttiva jingħata effett għall-jedd ta' libertà ta' moviment ta' professjonisti legali li jkunu jistgħu jipprattikaw il-professjoni tagħhom f'kull pajjiż Imsieħeb fl-Unjoni;*

*19. L-appellati wkoll iqisu li l-imsemmija tliet aggravji huma msenslin flimkien u bil-qawwa kollha jikkontestawhom billi jgħidu li t-tifsira li l-appellanti qiegħda tagħti lid-Direttivi mhijiex dik tajba u li l-eżerċizzju mwettaq mill-Ewwel Qorti kien għaqli u sewwa għaliex ma hemm l-ebda kunflitt f'dak li jgħidu d-Direttivi kif trasposti fl-ordinament legali f'Malta u dak li jitlob il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma jixlu lill-appellanti li f'din l-istanza bidlet il-linja tal-ħsieb u nqatgħet minn dak li kienet talbet meta ressqet ir-rikors li bih bdiet il-kawża. Huma jisħqu li din il-Qorti trid tiddeċiedi fuq dak li ntalab u fil-limiti tal-kontestazzjoni oriġinali u mhux fuq argumenti li l-appellanti twebblet bihom hi u miexja l-kawża. B'mod partikolari, l-appellati jwarrbu l-argument tal-appellanti li d-Direttivi huma miftuma minn xulxin u indipendenti l-waħda mill-oħra: jippreċiżaw li filwaqt li d-Direttiva 98/5 tirregola l-mod kif avukati jipprattikaw f'pajjiż Imsieħeb fl-Unjoni taħt it-titolu professjonali li jintuża f'pajjiżhom (l-hekk imsejjaħ "home-country professional title"), id-Direttiva 2005/36 tirregola l-mod kif professjonisti (magħduda magħhom avukati) jkunu jixtiequ jipprattikaw il-professjoni taħt it-titolu professjonali tal-pajjiż Imsieħeb li jkunu marru jgħixu fih (l-hekk imsejjaħ "host-country professional title"). Juru kif id-dispożizzjonijiet tal-istess żewġ Direttivi – premessa ('recital') 42 tad-Direttiva 2005/36 u premessa ('recital') 2*

*tad-Direttiva 98/5 – jagħmluha ċara liema Direttiva trieġi liema kategorija. Fil-każ tal-appellanti li trid taħdem bħala "avukat" meta hija kwalifikata fir-Renju Unit bħala "barrister", l-appellati jgħidu li jgħoddu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/36 u mhux dawk tad-Direttiva 98/5;*

*20. Minbarra dan, huma jressqu l-argument li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/5 innifsu ma jneħħux il-ħtiġijiet imsemmija fid-Direttiva 2005/36 f'każijiet bħal dak tal-appellanti imma jridu li, f'ċerti ċirkustanzi, jeżentaw biss id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48 (li llum il-ġurnata ddaħħlet minflokha d-Direttiva 2005/36) f'dak li jirrigwarda l-"aptitude test" fuq xi applikant dwar il-kwalifiki akkademiċi tiegħu. Kemm hu hekk, l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-2005 (li fuqu nbena kelma b'kelma r-regolament 15(1) tal-Avviż Legali 422/07*[2]*) jitlob li l-awtorità nominata għandha tħalli li jkollhom aċċess għal dik il-professjoni u jwettquha. F'dan ir-rigward, fl-imsemmi regolament 15(1) jintuża l-kliem "bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini Maltin .. .. skont il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' dak l-Istat Membru". Skont l-appellati, l-għoti ta' warrant biex persuna tista' taħdem bħala avukat li jidher quddiem il-Qrati Maltin – bħalma l-appellanti qiegħda titlob li tingħata fil-kawża tagħha – jiddependi mill-ħtiġijiet mitluba mil-liġi (sostanzjalment dawk imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) għal dawk iċ-ċittadini Maltin li jixtiequ jiksbu l-warrant. Billi l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 81 huma kumulattivi, il-kwalifiki akkademiċi waħedhom tal-persuna li tapplika biex tingħata l-warrant mhumiex biżżejjed, imma hemm ukoll, fost l-oħrajn, il-ħtieġa li dik il-persuna toqgħod għal eżami ta' ħila u tkun approvata għaldaqshekk minn żewġ imħallfin bħala "kompetenti biex jeżerċita l-professjoni ta' avukat fil-qrati ta' Malta"*[3]*. Dak l-eżami, għall-kuntrarju tal-"aptitude test" (test ta' kapaċità, kif imfisser fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-2005), mhuwiex miżura kompensattiva tal-kwalifiki akkademiċi tal-persuna barranija mħajra biex taħdem bħala avukat f'Malta, iżda kriterju oġġettiv u meħtieġ li jgħodd għal kull min irid jaħdem bħala avukat fil-Qrati ta' Malta bil-ħruġ tal-warrant opportun. Itemmu jgħidu li l-fatt li l-appellanti kellha l-kwalifika ta' "barrister" biex tidher quddiem il-qrati fir-Renju Unit ma jissarrafx b'daqshekk fi "kwalifika" ekwivalenti awtomatika li tista' tqabbilha mal-warrant maħruġ biex persuna tista' tipprattika bħala avukat quddiem il-qrati Maltin. L-għoti ta' warrant isir bħala għoti ta' liċenza msejsa fuq l-interess pubbliku dwar l-għarfien ('knowledge') tal-liġi proċedurali f'Malta u ħtieġa ta' karattru morali u ta' integrità tal-persuna li tixtieq tiksibha;*

*21. Din il-Qorti tqis li dawn it-tliet aggravji huma l-qofol tal-kwistjoni kollha li qamet bejn l-appellanti u l-awtoritajiet Maltin dwar ix-xewqa tagħha li taħdem bħala 'avukat' f'Malta. Kif joħroġ mill-atti, l-appellanti ma kellha l-ebda diffikultà li, bil-kwalifiki li kisbet minn barra minn Malta, hija setgħet u fil-fatt kienet taħdem f'Malta bħala "barrister" u kienet*

[2] L.S. 451.03.
[3] Art. 81(1)(f) tal-Kap 12.

*hekk reġistrata biex tipprattika f'Malta l-professjoni legali taħt it-titolu tal-pajjiż tal-oriġini. L-għawġ inqala' meta, wara li kienet ilha xi snin taħdem f'Malta b'dak il-mod, ressqet talba mal-awtoritajiet intimati biex tingħata l-warrant biex taħdem bħala 'avukat' f'Malta, bis-saħħa tal-kwalifiki li kisbet minn barra u bla ma toqgħod għall-eżami tal-warrant kif jitlob l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*22. Minn dak li joħroġ mit-tliet aggravji tagħha, l-appellanti tqis li t-tħaddim waħdu tad-Direttiva 5 tal-1998 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[4] *(minn issa 'l hemm imsejħa "id-Direttiva tal-1998") u b'mod partikolari tar-regolament 6 tal-Avviż Legali 273 tal-2002*[5] *li bis-saħħa tiegħu dik id-Direttiva kienet trasposta biex tagħmel parti mil-liġi ta' Malta, kien biżżejjed biex tintlaqa' t-talba tagħha li, minn "barrister" li kienet qiegħda taħdem f'Malta għal għadd ta' snin, setgħet tikseb għarfien formali biex tissejjaħ "avukat" li tista' taħdem bħal kull avukat ieħor liċenzjat f'Malta;*

*23. Il-Qorti tqis li, filwaqt li huwa minnu li kulma teħtieġ persuna professjonista legali, taħt l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-1998*[6]*, biex titlob ir-reġistrazzjoni f'pajjiż ospitanti biex titħalla teżerċita t-titolu professjonali tagħha li jintuża f'pajjiżha, huwa "ċertifikat li jkun jixhed għar-reġistrazzjoni tiegħu mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru lokali domestiku", mhux l-istess jgħodd biex persuna bħal dik tista' titlob biex titħalla teżerċita l-professjoni legali taħt it-titolu professjonali li jkun jikkorrispondi ma' dak mogħti fil-pajjiż ospitanti*[7]*. Għalhekk ingħad li "għandha ssir distinzjoni, minn naħa, bejn ir-reġistrazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ta' avukat li jixtieq jeżerċita l-professjoni tiegħu f'dan l-Istat Membru, taħt it-titolu professjonali tal-oriġini tiegħu, li hija suġġetta biss, konformement mal-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva, għas-sempliċi kundizzjoni msemmija fil-punti 26 u 28 ta' din is-sentenza, u, min-naħa l-oħra, l-eżerċizzju nnifsu tal-professjoni ta' avukat fl-imsemmi Stat Membru, li matulu dan l-avukat huwa suġġett, bis-saħħa tal-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva, għar-regoli tal-kondotta professjonali applikabbli fl-istess Stat Membru"*[8]*;*

*24. Kemm hu hekk ingħad b'mod ċar sa minn żmien ilu mill-Q.Ġ.U.E. li "għandu jiġi kkonstatat li la d-Direttiva 89/48 u lanqas id-Direttiva 98/5 ma jopponu l-applikazzjoni, fil-konfront tal-persuni kollha li jeżerċitaw il-professjoni ta' avukat fit-territorju ta' Stat Membru, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-aċċess għall-professjoni, ta' dipożizzjonijiet nazzjonali, kemm jekk dawn ikunu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, iġġustifikati mill-interess ġenerali bħal*

[4] Ġ.U. L77/36 (14.3.1998) f'paġġ. 83-90 (Celex 31998L0005).
[5] Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjoni Legali (L.S. 12.17).
[6] Trasposta fil-liġi tagħna fir-reg. 4(1)(2) tal-L.S. 12.17.
[7] Q.Ġ.U.E. (Awla Magna) 17.7.2014 fil-kawża fl-ismijiet ***Angelo Alberto Torresi v. Consiglio dell'Ordine degli Avvocati di Macerata*** (C-58/13) § 56.
[8] Q.Ġ.U.E. (Awla Magna) 7.5.2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Monachos Eirinaiois noe v. Dikigorikos Syllogos Athinon*** (Każ. C-431/17) § 31.

*regoli ta' organizzazzjoni, ta' etika, ta' kontroll u ta' responsabbiltà"*[9]. *F'dak il-każ u f'ieħor jixbhu*[10] *l-għoti ta' permess biex persuna taħdem bħala avukat fl-Istat Imsieħeb ospitanti kien suġġett għall-kundizzjoni li l-persuna tkun imsieħba fil-kamra tal-avukati tal-pajjiż ospitant;*

*25. Mill-ġabra ta' prinċipji li joħorġu mill-Q.Ġ.U.E. fir-rigward tal-kwistjoni li issa tinsab quddiem din il-Qorti, imissu jkun ċar li dak li l-appellanti ppretendiet meta ressqet it-talba tagħha lill-awtoritajiet kompetenti biex it-titolu tagħha ta' "barrister" jissarraf f'permess biex taħdem f'Malta bħala "avukat", ma kienx mistħoqq. Il-fatt li hija kienet ħadmet f'Malta għal għadd ta' snin bil-kwalifika professjonali (b'differenza mill-kwalifiki akkademiċi li kellha biex kisbitha) ta' "barrister" ma kienx jagħtiha jedd awtomatiku li titlob, u tingħata, il-liċenza ('warrant') li biha tista' taħdem ta' "avukat" f'Malta. U dan lanqas id-Direttiva tal-1998 ma tgħidu. Għalhekk, safejn l-appellanti ċċitat ukoll siltiet minn sentenza tal-Q.Ġ.U.E. favur dan l-argument tagħha, din il-Qorti ma taqbilx li dawk is-siltiet ċitati joqogħdu mal-prinċipji aktar ċari tas-siltiet imsemmija hawn fuq u ssib li ttieħdu barra mill-qafas xieraq tagħhom;*

*26. Quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellati qajmu l-argument li l-appellanti ma setgħetx tistrieħ fuq x'tgħid id-Direttiva tal-1998 għaliex jgħidu li dik tgħodd biss fil-każ fejn persuna bi kwalifiki professjonali miksuba f'pajjiż Imsieħeb tmur f'pajjiż ieħor Imsieħeb biex tipprattika dik il-professjoni taħt it-titolu mnejn kisbitu u mhux taħt it-titolu tal-pajjiż li marret fih. B'mod partikolari, huma qalu li wieħed kellu jimxi ma' dak li tgħid id-Direttiva 36 tal-2005 tal-Kummissjoni*[11] *(minn issa 'l hemm imsejħa "id-Direttiva tal-2005"), kif tgħid waħda mill-premessi tagħha*[12]*. Huma jindikaw li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Direttiva jinsabu llum trasposti fir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali*[13] *li, f'wieħed mir-regolamenti tagħha jagħmilha ċara x'titlob il-liġi biex persuna bħall-appellanti tkun tista' tingħata l-permess li taħdem bħala professjonist legali f'Malta taħt it-titolu professjonali ta' "avukat" f'Malta. Itennu li, f'ċirkostanzi bħal dawk, il-liġi tagħmilha ċara li l-appellanti u persuni li jixtiequ jagħmlu bħalha, iridu joqogħdu wkoll għall-kundizzjonijiet li jkunu jgħoddu għaċ-ċittadini Maltin li jridu jiksbu l-warrant ta' "avukat" f'Malta. Huwa minħabba f'hekk li huma jqisu li l-ħarsien tal-ħtiġijiet kollha mitluba mill-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija ċirkostanza li, mhux biss hija magħrufa mid-Dritt Komunitarju, iżda hija ġustifikata u tiżgura li kulħadd ikun ittrattat l-istess;*

---

[9] Q.Ġ.U.E. (4a ' Awla) 3.2.2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Donat Cornelius Ebert v. Budapesti Ügyvédi Kamara*** (Każ. C-359/09) § 40.

[10] Q.Ġ.U.E. (Awla Magna) 7.5.2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Monachos Eirinaiois noe v. Dikigorikos Syllogos Athinon*** (f'dan il-każ, iċ-ċaħda tal-awtorità nazzjoniali Griega biex l-applikant jintlaqa' fil-kamra tal-avukati ta' Ateni kienet imsejsa fuq il-fatt li huwa kien raħeb membru ta' ordni reliġjuż).

[11] Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali (Ġ.U. 30.9.2005 f'paġġ. 22 – 142) kif emendata bid-Dir. 2006/100KE (Celex 32005L0036).

[12] Premessa 42.

[13] A.L. 422 tal-2007 (L.S. 451.03) 26 Reg. 15 ta' L.S. 451.03.

*27. L-Ewwel Qorti jidher li tbiegħdet mill-argument tal-appellati u mxiet mad-Direttiva tal-1998 ukoll fil-każ tal-appellanti u sabet li lanqas taħt dik id-Direttiva (u r-regolamenti li nħarġu f'Malta dwarha) l-appellanti ma kellha l-jedd li tikseb il-warrant li tissejjaħ u taħdem bħala "avukat" f'Malta fuq is-saħħa tal-kwalifiki akkademiċi tagħha li kisbet barra minn Malta u lanqas fuq il-fatt li kienet ilha taħdem f'Malta għal xi snin qabel ressqet it-talba tagħha għar-reġistrazzjoni mal-appellati. Imma dik il-Qorti mxiet ukoll ma' dak li tgħid id-Direttiva tal-2005, l-aktar fejn jirrigwarda aċċess għall-eżerċizzju ta' professjoni fuq kwalifiki professjonali speċifiċi[14]. U hemmhekk, bħalma ssemma qabel, sabet li, għall-għoti ta' aċċess bħal dak, persuna bħall-appellanti kellha toqgħod għall-istess kundizzjonijiet li jgħoddu għal dawk il-Maltin li jridu jaħdmu bħala avukati f'Malta;*

*28. Din il-Qorti jidhrilha li l-eżerċizzju magħmul mill-Ewwel Qorti dwar it-tħaddim tal-liġi t-tajba fil-kwistjoni mqajma mill-appellanti kien wieħed għal kollox f'postu. Bla ma din il-Qorti ttenni dak kollu li ssemma fl-atti miktuba quddiem l-Ewwel Qorti, jidher li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jmorrux kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi fuq imsemmija u lanqas kontra l-prinċipji ewlenin tad-Dritt Ewropew kif imfissra mill-Qrati Komunitarji u kif intwera aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Kienet tkun storja oħra li kieku l-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 81 kienu jintalbu biss fil-konfront ta' persuni professjonali barranin li jridu jistabbilixxu rwieħhom f'Malta u jeżerċitaw il-professjoni legali taħt il-"host-country professional title";*

*29. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li t-tliet aggravji ma jirriżultawx mistħoqqa u mhix se tilqagħhom;*

*30. Illi fil-ħames aggravju tagħha, l-appellanti tilminta mill-fatt li l-awtoritajiet intimati damu ħafna biex wieġbu formalment għat-talba tagħha. Hija żżid tgħid li kien jaqa' fuq l-awtorità nominata li mhux biss tagħtiha tweġiba fiż-żmien raġonevoli li ssemmi l-liġi, imma wkoll li t-tweġiba li tingħata jkun fiha r-raġunijiet tad-deċiżjoni meħuda biex b'hekk setgħet tinqeda bir-rimedju tal-appell minn dik id-deċiżjoni[15]. Hija tgħid li, sa ma waslitlilha t-tweġiba mill-intimat Avukat tal-Istat, hija ma kellha l-ebda mod kif setgħet tmexxi l-każ tagħha għall-istħarriġ ġudizzjarju, għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ meta persuna tibqa' ma tingħatax tweġiba għaltalba tagħha taħt l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju għal għemil amministrattiv taħt l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minħabba f'hekk, tisħaq li ġarrbet ksur tal-jeddijiet tagħha kif imħarsin fl-Artikolu 15, 41 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

*31. Għal dan l-aggravju l-appellati laqgħu billi qalu li, bosta drabi qabel ħarġet it-tweġiba mibgħuta lilha f'Settembru tal-2019, l-appellata kienet mgħarrfa li, biex it-talba tagħha biex taħdem bħala "avukat" f'Malta*

[14] Ara Art. 13(1) tad-Direttiva u reg 15 ta' L.S. 451.03.
[15] Reg 11(2) tal-L.S. 12.17.

*setgħet tintlaqa', riedet toqgħod għall-eżami tal-warrant kif maħsub fl-Artikolu 81(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan, l-appellati jgħidu li l-appellanti ma kellha l-ebda jedd ta' deċiżjoni formali u li l-ilmenti tagħha ta' ksur tal-jeddijiet taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma jgħoddux għall-każ;*

*32. Il-Qorti tqis li l-ebda waħda mill-ħames (5) talbiet imressqa mill-attriċi meta fetħet din il-kawża ma kienet tirrigwarda t-teħid taż-żmien mhux raġonevoli biex ingħatat tweġiba għat-talba tagħha li titħalla taħdem bħala "avukat" f'Malta. Minħabba f'hekk, lanqas l-Ewwel Qorti ma qieset din il-ħaġa. Minbarra dan, wara li qieset il-mertu tat-talbiet tal-attriċi, l-Ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex għalfejn tqis ir-raba' eċċezzjoni tal-intimati li kienet titkellem dwar il-ksur tal-jeddijiet tal-attriċi taħt il-Karta. Ladarba dan huwa l-każ, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra aggravju li ma jirrigwardax xi ħaġa deċiża fis-sentenza appellata, u jidhrilha li t-tqanqil ta' dan il-ħames aggravju kien għal kollox irritwali.*

*33. Għalhekk, dan l-aħħar aggravju wkoll se jitwarrab bħala mhux mistħoqq»*

15. Issa l-attriċi ressqet rikors fis-17 ta' Jannar, 2024, għaliex qiegħda tgħid li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tiġi ritrattata skont is-**subinċiż (e) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

16. Fil-qosor, l-attriċi ritrattandi qiegħda titlob ir-ritrattazzjoni ta' din is-sentenza għaliex issostni li l-Qorti tal-Appell kellha l-obbligu mandatorju li tagħmel referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u dan in-nuqqas tagħha li tħaddem l-**Artikolu 267 tat-Trattat tal-Funzjonanemt tal-Unjoni Ewropea** (imsejjaħ minn issa 'l quddiem "TFUE") iwassal li l-istess Qorti applikat il-liġi ħażin.

17. Minħabba f'hekk, l-attriċi talbet lil din il-Qorti sabiex: (i) tirrexxindi, tħassar u tannulla s-sentenza tagħha tal-25 ta' Ottubru, 2023; (ii) filwaqt

li tordna rinviju mandatorju lill-Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-**Artikolu 267 TFUE**; u (iii) tilqa' t-talbiet kollha attriċi.

18. Il-konvenuti ressqu tweġiba fit-12 ta' Frar, 2024 u taw ir-raġunijiet tagħhom għala r-rikors għandu jiġi miċħud.

19. Inżammet seduta fil-31 ta' Mejju, 2024 li matulha l-avukati tal-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet bil-fomm tagħhom, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

20. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

21. Dan ir-rimedju huwa mħolli li jsir biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija (ara s-sentenza ta' din il-Qorti, ***Rosa Fenech et v. Jane Cini et*** mogħtija fil-15 ta' Lulju, 2019).

22. Il-proċess tas-smigħ u t-trattazzjoni mill-ġdid ta' kawża deċiża fih żewġ fażijiet: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-

sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*) (ara ***Paul Pisani et v. Emmanuel Custò***, Appell Superjuri tat-2 ta' Marzu, 2007). Dawn iż-żewġ fażijiet ma jistgħux jiġu deċiżi f'daqqa b'sentenza waħda, iżda għandhom jiġu deċiżi b'mod mifrud għaliex inkella jistgħu jqumu kwistjonijiet ta' ksur ta' smigħ xieraq (ara ***St. George's Park Company Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu, 2014).

23. Għaldaqstant din is-sentenza se tidħol biss fl-ewwel fażi ta' din il-proċedura, ċjoè jekk hemmx raġunijiet siewja biex titħassar is-sentenza li ngħatat minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023.

24. Bħalma tajjeb ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha ***Mariano Vella v. Soċjetà Gourmet Company Limited*** mogħtija fit-28 ta' Marzu, 2006, sakemm din il-Qorti tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza li tagħha qed jintalab is-smigħ mill-ġdid, hija ma tista' bl-ebda mod tindaħal f'apprezzament favorevoli jew kuntrarju tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Qorti li tkun tat dik is-sentenza. Xogħol din il-Qorti *in rescindente* mhuwiex dak li tgħarbel mill-ġdid jekk hija taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti kienet waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza impunjata: xogħol din il-Qorti hu li tqis jekk tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkustanzi proċedurali maħsubin fil-liġi li bihom dik is-sentenza tista' titwaqqa'.

25. Dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur* (ara ***Charles Grech et v. Cecil Herbert Jones***, Appell Superjuri tal-14 ta' Diċembru, 2018).

26. Talba ta' ritrattazzjoni għalhekk mhix appell mis-sentenza f'dik il-kawża, bħalma lanqas ma hi okkażjoni oħra biex il-parti telliefa terġa' tressaq l-argumenti tagħha wara li dawk l-argumenti ma rebbħulhiex il-kawża (ara ***Herbert Baldacchino noe v. Cecil Pace et noe et***, Appell Superjuri tat-22 ta' April, 2004).

27. Ngħaddu issa għall-kawżali li fuqha l-attriċi ritrattandi qiegħda issejjes it-talba tagħha biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2023 tiġi mħassra, meta tisħaq li saret applikazzjoni ħażina tal-liġi skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

28. Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin. Il-leġislatur ħaseb li jfisser x'inhi applikazzjoni ħażina tal-liġi u dan meta jingħad li: *«jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien*

*tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni.»*

29. Din il-Qorti titlaq billi tqis li jkun hemm raġuni tajba ta' ritrattazzjoni taħt din il-kawżali jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, jirriżulta li l-Qorti tkun applikat artikolu tal-liġi flok ieħor li kellu suppost jiġi applikat (ara ***Anika Psaila Savona v. CHI Limited*** maqtugħa minn din il-Qorti fit-18 ta' Ġunju, 2024).

30. Ġie miżmum li fi proċeduri bħal dawk tal-lum, ir-ritrattand għandu d-dmir li jindika mhux biss l-artikolu tal-liġi li ġie injorat fis-sentenza attakkata u li suppost kellu jiġi mħaddem, iżda għandu d-dmir li jindika wkoll liema kien dak l-artikolu tal-liġi li fil-fehma tiegħu tħaddem flok dak it-tajjeb fis-sentenza attakkata (ara ***Frank Calleja v. Charles Paul Attard*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru, 2022, ***Joseph Vella v. Juda Taddeo sive Teddy Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2022 u ***Catherine Cauchi et v. Awtorità tad-Djar et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Novembru, 2023).

31. Tassew taħt il-kawżali ta' tħaddim ħażin tal-liġi, dak li jrid jintwera huwa li s-sentenza attakkata tkun ħaddmet liġi b'oħra, u mhux li ma tħaddmitx liġi li setgħet kienet tgħodd għall-każ iżda li ma ntużatx (ara

***Jeremy S. Harris nomine v. Patrick Spiteri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Lulju, 2023).

32. Is-sentenza għandha titħassar taħt dan il-motiv ta' ritrattazzjoni mhux meta l-Qorti tinterpreta u tapplika l-liġi ħażin iżda meta tapplika liġi flok oħra li tgħodd għall-każ, *i.e*. mhux għax tkun applikat ħażin il-liġi applikabbli iżda għax tkun applikat il-liġi l-ħażina. Fi kliem ieħor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-liġi ħażina meta l-Qorti tkun applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ (ara ***FM Core Limited v. Ministeru ta' Għawdex et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' April, 2023, u ***Nutar Dottor John Cachia Zammit et v. L-Awtorità tal-Artijiet*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar, 2024).

33. Jekk jirriżulta li s-sentenza li tkun qiegħda tiġi attakkata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ xorta waħda ma jkunx hemm lok għar-ritrattazzjoni, anki jekk l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti ta' dik il-liġi tkun skorretta (ara ***Jeffrey Mizzi v. John Micallef et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Lulju, 2010). Huwa sewwasew għalhekk illi l-**Artikolu 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jitlob li meta r-raġuni għar-ritrattazzjoni tkun l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, dak li jkun għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata (ara ***Parklane Investments Limited v. Luigi Portelli et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2011; u ***Marianna sive Manon Calleja et v.***

***Kummissarju tal-Art*** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2023).

34. Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh li biex jista' jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu valutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara ***Paul Piscopo et v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022; u ***Dr Patrick Spiteri v. Sylvana Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

35. Illi fil-każ tagħna l-azzjoni mressqa mill-attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. Jirriżulta li l-attriċi hija kwalifikata bħala *barrister* fir-Renju Unit. Fis-sena 2010 hija bdiet tipprattika f'Malta billi nħarġilha Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni Legali, u b'hekk il-kwalifiki tagħha ġew mgħarfa b'dan iċ-ċertifikat. Fis-sena 2015 hija talbet lill-President tar-Repubblika ta' Malta tawtorizzaha teżerċita l-professjoni tagħha f'Malta bħala avukat fuq is-saħħa tal-għarfien tal-professjoni tagħha ta' *barrister* u dan mingħajr ma toqgħod għall-eżami għall-għoti tal-*warrant* kif maħsub fl-**Artikolu 81 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Ġara li l-Avukat Ġenerali bagħat tweġiba fis-sena 2019 fejn għarraf lill-attriċi li t-talba tagħha ma setgħetx tintlaqa'. L-Uffiċċju tal-

President ma bagħat ebda tweġiba.

36. Il-qofol tal-kwistjoni mistħarrġa kemm mill-Ewwel Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjonijiet tagħhom kienet l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tad-Direttivi relattivi li saret referenza għalihom, kif ukoll għal-leġislazzjoni sussidjarja. Il-Qorti tal-Appell kif rajna aktar 'il fuq irreferiet għall-bosta deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

37. Illi l-attriċi ssejjes it-talba tagħha għar-ritrattazzjoni tas-sentenza billi tgħid li l-kwistjoni hija dwar jekk għall-skopijiet tal-**Artikolu 10(1) tad-Direttiva 98/5/KE**, kif ukoll tal-**Artikolu 4(1) tad-Direttiva 89/48/KEE kif emendat b'Direttiva 2005/36/KE**, il-liġi Ewropea hijiex qiegħda titkellem dwar aċċess għat-titlu tal-pajjiż ospitanti jew dwar il-manteniment tal-istess titolu. Tissokta tgħid li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell qiegħda tiddeċiedi li l-eżami tal-*warrant* huwa essenzjali biex ikollok titlu ta' avukat f'Malta u tat eżempju ta' pajjiżi fejn jistennew sħubija kontinwa tal-kamra tal-avukati. Tgħid li dan ifisser li l-Qorti tal-Appell Maltija qiegħda tagħti interpretazzjoni li skont id-dritt Ewropew irid jingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għaliex din l-interpretazzjoni anke jekk hija tajba ma tistax tingħata minn qorti nazzjonali minħabba li jrid jiġi salvagwardjat l-uniformità tal-interpretazzjoni sabiex ikun hemm iċ-ċertezza legali, kif ukoll tingħata l-possibiltà li partijiet interessati jagħmlu

s-sottomissjonijiet tagħhom. F'dan il-każ l-attriċi ritrattanda qiegħda tgħid li qiegħed jitħallat l-aċċess għat-titolu (permezz ta' *aptitude test* jew eżami tal-*warrant* li tagħmlu darba) mal-manteniment tal-istess titolu, pereżempju l-obbligu li tkun membru ta' xi kamra li huwa obbligu kontinwu. Tinsisti li l-Qorti Maltija qiegħda tiddeċiedi dwar dan mingħajr ma tagħmel rinviju dwar materja li suppost tkun uniformi mal-Unjoni Ewropea kollha.

38. L-attriċi tgħid li jidher ċar li l-Qorti tal-Appell qiegħda tagħti interpretazzjoni lill-**Artikolu 10(1) tad-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, kif ukoll tal-**Artikolu 4(1) tad-Direttiva 89/48/KEE kif emendat mid-Direttiva 2005/16/KE** mingħajr ma tikkunsidra u tapplika l-**Artikolu 267 TFUE**. Tisħaq li l-Qorti tal-Appell bħala qorti tal-aħħar istanza kellha l-obbligu mandatorju permezz tal-**Artikolu 267 TFUE** li tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja, meta jirriżulta li f'materja fejn hemm nuqqas ta' qbil, tant li l-Istat Malti u l-Kummissjoni Ewropea kif ukoll ir-ritrattandi għandhom opinjoni differenti, tant li tali reġim huwa suġġett għall-azzjoni ta' infurzar taħt it-**TFUE**.

39. Ir-ritrattandi tgħid li għalhekk l-applikazzjoni ħażina tal-liġi toħroġ mill-fatt li qabel issir l-interpretazzjoni tal-liġi Ewropea għall-kuntest Malti (tajba jew mhix) kien hemm l-obbligu tar-rinviju u wara ssir l-interpretazzjoni għas-sitwazzjoni tal-lum. Tissokta tgħid li għalkemm il-

Qorti qalet li Malta ttrasponiet id-Direttivi sew, il-Kummissjoni Ewropea mhix tal-istess opinjoni billi nediet azzjoni ta’ nfurzar kontra Malta dwar dan. Iżżid tgħid li l-Qorti tal-Appell kienet taf li hemm ordni ta’ infurzar għaliex din l-informazzjoni ngħatat mill-Avukat tal-Istat fil-mori tal-appell u b’hekk aktar u aktar messha għamlet ir-rinviju.

40. L-attriċi tgħid li minħabba f’hekk id-dottrina ta’ *acte clair* u dik relatata ta’ *acte éclaire* ma tapplikax għall-każ tal-lum billi l-ordni ta’ infurzar fiha nfisha hija l-*prova madre* li s-suġġett tal-kawża għadu mhux ċar u hemm bżonn l-intervent tal-Qorti skont l-**Artikolu 267 TFUE**. Huwa għalhekk li skont ir-ritrattandi l-Qorti tal-Appell kellha l-obbligu minn jeddha li tagħmel rinviju. Tisħaq li l-ħtieġa ta’ rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja minn qorti tal-aħħar istanza huwa rekwiżit essenzjali u meħtieġ mill-**Artikolu 267 TFUE** u mhix kwistjoni ta’ interpretazzjoni imma hija kwistjoni ta’ applikazzjoni tajba tat-**TFUE**. Iżżid tgħid li l-Qorti applikat id-**Direttivi 98/5/KE** u **2005/36/KE** meta hemm dubju serju dwar l-interpretazzjoni tagħhom li ngħatat u dwar jekk dawn ġewx trasposti tajjeb fis-sistema Maltija.

41. Tagħlaq billi tgħid li l-applikazzjoni ħażina tal-liġi qiegħda fil-fatt li l-Qorti tal-Appell ma għamlitx rinviju, kif kienet obbligata li tagħmel bħala l-aħħar Qorti mandatorjament hekk kif jingħad fl-**Artikolu 267 TFUE**.

42. Illi l-konvenuti wieġbu li l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** m'għandu x'jaqsam xejn mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u dan għaliex l-istess qorti m'għaddiet ebda ġudikat fir-rigward tal-**Artikolu 267 tat-TFUE**. Dik il-qorti ddeċidiet l-appell li kellha quddiemha fuq il-mertu tat-talbiet imressqa fir-rikors maħluf li kienu bbażati fuq il-provvedimenti tad-**Direttiva 98/5/KE** u/jew id-**Direttiva 2005/36/KE**.

43. Ir-ritrattati jissoktaw jgħidu li l-attriċi kienet għamlet talba fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex issir referenza preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea. Iżda mbagħad fis-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2022, l-avukati tal-istess attriċi ddikjaraw b'mod ċar *«li m'għadhomx jinsistu fuq it-talba tagħhom għar-referenza preliminari*.»

44. Il-konvenuti ritrattati jgħidu li l-Qorti tal-Appell qatt ma kellha quddiemha argument li l-liġi nazzjonali tistona mad-dettami tad-Direttivi msemmija aktar 'il fuq, iżda l-argument kien li l-awtoritajiet ma kinux qegħdin iħaddmu l-liġijiet kif suppost. Jgħidu li l-Qorti tal-Appell ma tat ebda interpretazzjoni dwar il-liġi Ewropea, li dwaru kien hemm kontestazzjoni li setgħet tagħti lok għal referenza preliminari, imma ddeċidiet jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta fil-ġudikat tagħha. Magħdud ma' dan, jgħidu li l-argument tar-ritrattandi li l-Kummissjoni Ewropea għandha opinjoni differenti mill-Avukat tal-Istat u mill-Qorti tal-Appell hija

kwistjoni li lanqas biss tirriżulta mill-atti u lanqas hija parti mit-talbiet tagħha.

45. Illi din il-Qorti mingħajr ebda dubju tqis li l-attriċi ritrattandi m'għandhiex raġun, u dan għall-bosta raġunijiet. Hekk kif sewwa qalu l-konvenuti ritrattati, għalkemm l-attriċi fasslet ir-rikors b'tali mod biex tagħti l-impressjoni u tinsisti fuq dak li hija ssejjaħ obbligu mandatorju tal-Qorti tal-Appell li tmexxi bil-proċedura tar-rinviju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'danakollu r-rikors mhux ħlief stedina sabiex din il-Qorti tiftaħ il-każ mill-ġdid meta dan mhux permess mil-liġi.

46. Jirriżulta mill-atti li fir-rikors tal-appell tagħha, l-attriċi semmiet u talbet ir-referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, proprju għaliex fir-rikors tal-appell tagħha, fost l-oħrajn, argumentat li l-Ewwel Qorti ma kellhiex raġun li biex persuna tkun tista' titħalla taħdem ta' avukat f'Malta l-kundizzjonijiet mitluba fiż-żewġ Direttivi msemmija kellhom jitqiesu flimkien. Huwa ovvju għalhekk li l-argument tagħha kien li l-Qorti tat interpretazzjoni ħażina ta' dawn id-Direttivi. Anke l-aggravju li m'hemmx il-ħtieġa li hija tpoġġi għall-eżami tal-*warrant* kif imsemmi fl-**Artikolu 81 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** billi bis-saħħa tad-**Direttiva 98/5** hija diġà tikkwalifika, u allura dan mhux ħlief ksur tad-dritt Ewropew billi huwa rifjut li jingħata effett għad-Direttiva hija wkoll kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-liġi. Huwa dak li għamlet il-Qorti tal-Appell. Qieset

id-Direttivi, eżaminat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u qieset ukoll il-liġi Maltija li trasponiet id-Direttivi. Ladarba l-Qorti tal-Appell ma qisietx li kien hemm il-ħtieġa li tirrinvija din ukoll hija kwistjoni ta' kif interpretat il-liġi għall-fatti li kellha quddiemha. Kull argument dwar mandatorjetà *o meno* huwa superfluwu fi proċeduri ta' ritrattazzjoni.

47. Fuq kollox, l-**Artikolu 267 TFUE** aktar minn kollox għandu xejra ta' natura proċedurali u għalhekk l-argument li l-Qorti tal-Appell applikat il-liġi l-ħażina għaliex skont ir-ritrattandi kellha tħaddem dan l-artikolu mhu ta' ebda fejda għaliha.

48. L-**Artikolu 267 TFUE** huwa mekkaniżmu istituzzjonalizzat li jservi ta' djalogu bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali. Dan id-djalogu għandu tliet għanijiet prinċipali: (i) sabiex jipprovdi lill-qrati nazzjonali b'għajnuna fuq kweżiti rigward l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea; (ii) biex jgħin sabiex ikun hemm uniformità fit-tħaddim tal-liġi tal-Unjoni Ewropea fl-Unjoni; u (iii) biex joħloq mekkaniżmu ieħor (b'żieda mal-azzjoni għat-tħassir ta' att tal-Unjoni Ewropea (**Artikolu 263 tat-Trattat**) għal stħarriġ *ex post* tal-konformità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-liġi primarja tal-Unjoni Ewropea (it-Trattati u l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni Ewropea)[16].

[16] *Briefing July 2017 (European Parliamentary Research Service) – Rafel Mańko.*

49. Kemm hu hekk, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Thomas Christopher Brunner debitament rappreżentat mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avv. Sarah Sultana v. Leovegas Gaming plc*** mogħtija fid-9 ta' Jannar, 2024 fissret l-għan tal-**Artikolu 267** u meta qorti tal-aħħar istanza hija obbligata tirreferi:

> *«19.* ***Artikolu 267 (ex Artikolu 234 TKE[17] - Article 177 - EC Treaty (Maastricht verżjoni konsolidata)) tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)*** *jipprovdi illi l-Qorti tal-Ġustizzja ta'l-Unjoni Ewropea għandha jkollha l-kompetenza li tagħti sentenzi preliminari dwar: a) l-interpretazzjoni tat-Trattati; b) il-validità u l-interpretazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi ta'l-Unjoni; Meta l-kwistjoni titqajjem quddiem xi qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru, dik il-Qorti jew tribunal jistgħu, jekk ikun jidhrilhom li deċiżjoni fuq dik il-kwistjoni tkun meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jagħtu s-sentenza, jitolbu lill-Qorti sabiex tagħti deċiżjoni dwarha. Meta l-kwistjoni titqajjem f'każ pendenti quddiem xi qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra d-deċiżjonijiet tiegħu ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal, għandhom jirriferu l-kwistjoni lill-Qorti. Jekk din il-kwistjoni titressaq f'każ pendenti quddiem ġurisdizzjoni ta' Stat Membru fir-rigward ta' persuna miżmuma f'kustodja, il-Qorti għandha taġixxi mill-aktar fis possibbli.*
>
> *Ir-Rekwiżiti għar-Rinvinju minn Qorti Nazzjonali lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għal Deċiżjoni Preliminari [QĠUE][18]*
>
> *20. Wieħed mill-kompetenzi tal-QĠUE huwa li tagħti deċiżjonijiet imsejħa preliminari wara li qorti nazzjonali ta' stat membru tagħmel rinviju lilha b'domandi rigward l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil xi liġi Ewropea partikolari. Għal dan il-għan il-QĠUE taħdem b'kollaborazzjoni mal-qrati kollha tal-Istati Membri bħala l-qrati tad-dritt tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata applikazzjoni effettiva u uniformi tad-dritt tal-Unjoni u sabiex tiġi evitata kull interpretazzjoni diverġenti.*
>
> *21. Il-qrati nazzjonali jistgħu, u kultant għandhom, jagħmlu rinviju lill-QĠUE sabiex jitolbu preċiżazzjoni fuq punt ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għal diversi raġunijiet fosthom sabiex jivverifiaw jekk liġi nazzjonali hix konformi mad-dritt Ewropew. Id-domanda preliminari tista' wkoll tirrigwarda l-verifika tal-legalità ta' att tad-dritt tal-Unjoni. Il-*

[17] Trattat tal-Komunità Ewropea.
[18] Preżentazzjoni dwar il-kompetenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq is-sit elettroniku tal-istess qorti: https://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo2_7024/mt/.

*Qorti tal-Ġustizzja ma tirrispondix permezz ta' sempliċi opinjoni, iżda permezz ta' sentenza jew ta' digriet motivat.*

*22. Il-qorti nazzjonali li hija d-destinatarja ta' dik is-sentenza tal-QĠUE wara rinviju marbuta bl-interpretazzjoni mogħtija meta tiddeċiedi l-kawża quddiemha. Is-sentenza tal-QĠUE torbot lill-qrati nazzjonali l-oħra kollha fl-Istati Membri kollha li jintalbu jiddeċiedu fuq xi kwistjoni identika.*

*23. Bil-ġurisprudenza tagħha, il-QĠUE żviluppat l-obbligu li għandhom l-awtoritajiet nazzjonali u b'mod partikolari l-qrati nazzjonali li japplikaw b'mod komplet id-dritt tal-Unjoni Ewropea. Stabbilit ukoll illi l-jeddijiet mogħtija mil-Liġi Ewropea liċ-ċittadini għandhom applikazzjoni diretta fl-Istati Membri filwaqt li qieset illi liġi nazzjonali li tmur kontra l-liġi Ewropea ma għandix tiġi enforzata fl-Istati Membri.*

*24. Magħmula <u>ħarsa ġenerali</u> dwar il-jedd tal-qrati nazzjonali tal-Istati Membri li jagħmlu rinviju lill-QĠUE b'domandi dwar l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, imiss issa naraw b'mod partikolari jekk, meta u taħt liema ċirkostanzi qorti nazzjonali għandha tikkonsidra li tagħmel rinviju kif imsemmi.*

*25. L-ewwel rekwiżit sabiex qorti nazzjonali tikkonsidra li tagħmel rinviju huwa li l-qorti nazzjonali tikkonsidra illi sabiex tiddetermina l-vertenza li għandha quddiemha teħtieġ l-interpretazzjoni ta' waħda jew aktar mil-liġijiet tal-Unjoni. Il-QĠUE żviluppat ġurisprudenza li hija ta' gwida għall-qrati nazzjonali meta jiġu rinfaċċjati b'każijiet fejn mhux dejjem huwa ċar jekk hemmx ħtieġa li jsir rinviju. Il-każ ċelebri dwar din il-materja hija s-sentenza* ***Srl CILFIT and Lanificio di Gavardo SpA v Ministry of Health [CILFIT]***[19]*mogħtija mill-QĠUE fis-6 ta' Ottubru, 1982 wara rinviju lilha magħmul mill-Corte Suprema di Cassazione tal-Italja fejn staqsit dwar meta hemm l-obbligu ta' qorti nazzjonali li tagħmel rinvinju. Ingħad hekk f'dik is-sentenza tal-QĠUE:*

> *"5 IN ORDER TO ANSWER THAT QUESTION IT IS NECESSARY TO TAKE ACCOUNT OF THE SYSTEM ESTABLISHED BY ARTICLE 177, WHICH CONFERS JURISDICTION ON THE COURT OF JUSTICE TO GIVE PRELIMINARY RULINGS ON, INTER ALIA, THE INTERPRETATION OF THE TREATY AND THE MEASURES ADOPTED BY THE INSTITUTIONS OF THE COMMUNITY.*
>
> *6 THE SECOND PARAGRAPH OF THAT ARTICLE PROVIDES THAT ANY COURT OR TRIBUNAL OF A MEMBER STATE MAY, IF IT CONSIDERS THAT A DECISION ON A QUESTION OF INTERPRETATION IS NECESSARY TO ENABLE IT TO GIVE JUDGMENT, REQUEST THE COURT OF JUSTICE TO GIVE A RULING THEREON. THE THIRD PARAGRAPH OF THAT ARTICLE PROVIDES THAT, WHERE A QUESTION OF INTERPRETATION IS RAISED IN A CASE PENDING BEFORE A COURT OR TRIBUNAL OF A MEMBER STATE AGAINST WHOSE DECISIONS THERE IS NO*

[19] Case no. 283/81 - Dok. Ref. no. Document 61981CJ0283.

*JUDICIAL REMEDY UNDER NATIONAL LAW, THAT COURT OR TRIBUNAL SHALL, BRING THE MATTER BEFORE THE COURT OF JUSTICE.*

*7 THAT OBLIGATION TO REFER A MATTER TO THE COURT OF JUSTICE IS BASED ON COOPERATION, ESTABLISHED WITH A VIEW TO ENSURING THE PROPER APPLICATION AND UNIFORM INTERPRETATION OF COMMUNITY LAW IN ALL THE MEMBER STATES, BETWEEN NATIONAL COURTS, IN THEIR CAPACITY AS COURTS RESPONSIBLE FOR THE APPLICATION OF COMMUNITY LAW, AND THE COURT OF JUSTICE. MORE PARTICULARLY, THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177 SEEKS TO PREVENT THE OCCURRENCE WITHIN THE COMMUNITY OF DIVERGENCES IN JUDICIAL DECISIONS ON QUESTIONS OF COMMUNITY LAW. THE SCOPE OF THAT OBLIGATION MUST THEREFORE BE ASSESSED, IN VIEW OF THOSE OBJECTIVES, BY REFERENCE TO THE POWERS OF THE NATIONAL COURTS, ON THE ONE HAND, AND THOSE OF THE COURT OF JUSTICE, ON THE OTHER, WHERE SUCH A QUESTION OF INTERPRETATION IS RAISED WITHIN THE MEANING OF ARTICLE 177.*

*8 IN THIS CONNECTION, IT IS NECESSARY TO DEFINE THE MEANING FOR THE PURPOSES OF COMMUNITY LAW OF THE EXPRESSION ' ' WHERE ANY SUCH QUESTION IS RAISED ' ' IN ORDER TO DETERMINE THE CIRCUMSTANCES IN WHICH A NATIONAL COURT OR TRIBUNAL AGAINST WHOSE DECISIONS THERE IS NO JUDICIAL REMEDY UNDER NATIONAL LAW IS OBLIGED TO BRING A MATTER BEFORE THE COURT OF JUSTICE*.

*9 IN THIS REGARD, IT MUST IN THE FIRST PLACE BE POINTED OUT THAT ARTICLE 177 DOES NOT CONSTITUTE A MEANS OF REDRESS AVAILABLE TO THE PARTIES TO A CASE PENDING BEFORE A NATIONAL COURT OR TRIBUNAL. THEREFORE THE MERE FACT THAT A PARTY CONTENDS THAT THE DISPUTE GIVES RISE TO A QUESTION CONCERNING THE INTERPRETATION OF COMMUNITY LAW DOES NOT MEAN THAT THE COURT OR TRIBUNAL CONCERNED IS COMPELLED TO CONSIDER THAT A QUESTION HAS BEEN RAISED WITHIN THE MEANING OF ARTICLE 177. ON THE OTHER HAND, A NATIONAL COURT OR TRIBUNAL MAY, IN AN APPROPRIATE CASE, REFER A MATTER TO THE COURT OF JUSTICE OF ITS OWN MOTION.*

*10 SECONDLY, IT FOLLOWS FROM THE RELATIONSHIP BETWEEN THE SECOND AND THIRD PARAGRAPHS OF ARTICLE 177 THAT THE COURTS OR TRIBUNALS REFERRED TO IN THE THIRD PARAGRAPH HAVE THE SAME DISCRETION AS ANY OTHER NATIONAL COURT OR TRIBUNAL TO ASCERTAIN WHETHER A DECISION ON A QUESTION OF COMMUNITY LAW IS NECESSARY TO ENABLE THEM TO GIVE JUDGMENT. ACCORDINGLY, THOSE COURTS OR TRIBUNALS ARE NOT OBLIGED TO REFER TO THE COURT OF JUSTICE A QUESTION CONCERNING THE INTERPRETATION OF COMMUNITY LAW RAISED BEFORE THEM IF THAT QUESTION IS NOT RELEVANT, THAT IS TO SAY, IF THE ANSWER TO THAT QUESTION,*

*REGARDLESS OF WHAT IT MAY BE, CAN IN NO WAY AFFECT THE OUTCOME OF THE CASE.*

*11 IF, HOWEVER, THOSE COURTS OR TRIBUNALS CONSIDER THAT RECOURSE TO COMMUNITY LAW IS NECESSARY TO ENABLE THEM TO DECIDE A CASE, ARTICLE 177 IMPOSES AN OBLIGATION ON THEM TO REFER TO THE COURT OF JUSTICE ANY QUESTION OF INTERPRETATION WHICH MAY ARISE.*

*12 THE QUESTION SUBMITTED BY THE CORTE DI CASSAZIONE SEEKS TO ASCERTAIN WHETHER, IN CERTAIN CIRCUMSTANCES, THE OBLIGATION LAID DOWN BY THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177 MIGHT NONE THE LESS BE SUBJECT TO CERTAIN RESTRICTIONS.*

*13 IT MUST BE REMEMBERED IN THIS CONNECTION THAT IN ITS JUDGMENT OF 27 MARCH 1963 IN JOINED CASES 28 TO 30/62 ( DA COSTA V NEDERLANDSE BELASTINGADMINISTRATIE ( 1963 ) ECR 31 ) THE COURT RULED THAT : ' ' ALTHOUGH THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177 UNRESERVEDLY REQUIRES COURTS OR TRIBUNALS OF A MEMBER STATE AGAINST WHOSE DECISIONS THERE IS NO JUDICIAL REMEDY UNDER NATIONAL LAW... TO REFER TO THE COURT EVERY QUESTION OF INTERPRETATION RAISED BEFORE THEM, THE AUTHORITY OF AN INTERPRETATION UNDER ARTICLE 177 ALREADY GIVEN BY THE COURT MAY DEPRIVE THE OBLIGATION OF ITS PURPOSE AND THUS EMPTY IT OF ITS SUBSTANCE. SUCH IS THE CASE ESPECIALLY WHEN THE QUESTION RAISED IS MATERIALLY IDENTICAL WITH A QUESTION WHICH HAS ALREADY BEEN THE SUBJECT OF A PRELIMINARY RULING IN A SIMILAR CASE. ' '*

*14 THE SAME EFFECT, AS REGARDS THE LIMITS SET TO THE OBLIGATION LAID DOWN BY THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177, MAY BE PRODUCED WHERE PREVIOUS DECISIONS OF THE COURT HAVE ALREADY DEALT WITH THE POINT OF LAW IN QUESTION, IRRESPECTIVE OF THE NATURE OF THE PROCEEDINGS WHICH LED TO THOSE DECISIONS, EVEN THOUGH THE QUESTIONS AT ISSUE ARE NOT STRICTLY IDENTICAL.*

*15 HOWEVER, IT MUST NOT BE FORGOTTEN THAT IN ALL SUCH CIRCUMSTANCES NATIONAL COURTS AND TRIBUNALS, INCLUDING THOSE REFERRED TO IN THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177, REMAIN ENTIRELY AT LIBERTY TO BRING A MATTER BEFORE THE COURT OF JUSTICE IF THEY CONSIDER IT APPROPRIATE TO DO SO.*

*16 FINALLY, THE CORRECT APPLICATION OF COMMUNITY LAW MAY BE SO OBVIOUS AS TO LEAVE NO SCOPE FOR ANY REASONABLE DOUBT AS TO THE MANNER IN WHICH THE QUESTION RAISED IS TO BE RESOLVED. BEFORE IT COMES TO THE CONCLUSION THAT SUCH IS THE CASE, THE NATIONAL COURT OR TRIBUNAL MUST BE CONVINCED THAT THE MATTER IS EQUALLY OBVIOUS TO THE COURTS OF THE OTHER MEMBER STATES AND TO THE COURT OF JUSTICE. ONLY IF THOSE*

> *CONDITIONS ARE SATISFIED, MAY THE NATIONAL COURT OR TRIBUNAL REFRAIN FROM SUBMITTING THE QUESTION TO THE COURT OF JUSTICE AND TAKE UPON ITSELF THE RESPONSIBILITY FOR RESOLVING IT.*
>
> *[…]*
>
> *21 IN THE LIGHT OF ALL THOSE CONSIDERATIONS, THE ANSWER TO THE QUESTION SUBMITTED BY THE CORTE SUPREMA DI CASSAZIONE MUST BE THAT THE THIRD PARAGRAPH OF ARTICLE 177 OF THE EEC TREATY IS TO BE INTERPRETED AS MEANING THAT A COURT OR TRIBUNAL AGAINST WHOSE DECISIONS THERE IS NO JUDICIAL REMEDY UNDER NATIONAL LAW IS REQUIRED, WHERE A QUESTION OF COMMUNITY LAW IS RAISED BEFORE IT, TO COMPLY WITH ITS OBLIGATION TO BRING THE MATTER BEFORE THE COURT OF JUSTICE, UNLESS IT HAS ESTABLISHED THAT THE QUESTION RAISED IS IRRELEVANT OR THAT THE COMMUNITY PROVISION IN QUESTION HAS ALREADY BEEN INTERPRETED BY THE COURT OR THAT THE CORRECT APPLICATION OF COMMUNITY LAW IS SO OBVIOUS AS TO LEAVE NO SCOPE FOR ANY REASONABLE DOUBT. THE EXISTENCE OF SUCH A POSSIBILITY MUST BE ASSESSED IN THE LIGHT OF THE SPECIFIC CHARACTERISTICS OF COMMUNITY LAW, THE PARTICULAR DIFFICULTIES TO WHICH ITS INTERPRETATION GIVES RISE AND THE RISK OF DIVERGENCES IN JUDICIAL DECISIONS WITHIN THE COMMUNITY".»*

50. Minn din is-silta jidher ċar li billi r-ritrattandi semmiet l-**Artikolu 267 TFUE** biex mingħaliha tissodisfa r-rekwiżit tal-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, madankollu hija tfalli fit-talba tagħha. It-tħaddim ta' dan l-artikolu m'għandu x'jaqsam xejn. Dak li r-ritrattandi fil-fatt trid huwa li din il-Qorti tiftaħ il-każ tagħha mill-ġdid għaliex m'għoġbithiex id-deċiżjoni ta' din il-Qorti.

51. Barra minn hekk, lanqas irid jintnesa li l-Qorti tal-Appell kellha quddiemha talba biex tikkunsidra li tagħmel referenza preliminari, iżda mbagħad l-avukati tar-ritrattandi vverbalizzaw li ma kinux qegħdin jinsistu fuq din it-talba tagħhom. Dan jagħti x'jifhem li allura ma kienx hemm aktar

kwistjoni li kien hemm xi kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni jew applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea. Aktar tard wara li d-deċiżjoni ma niżżlitx tajjeb mal-attriċi, reġgħet ħarġet din il-kwistjoni tar-rinviju mill-kappell u marret lura minn dak li kienet ivverbalizzat.  Lil hemm minn dak li huwa magħruf, li dak li jiġi dikjarat f'verbal tal-qorti jorbot lill-partijiet, jibqa' l-fatt li l-kawżi m'għandhomx jitmexxew b'dan il-mod.

52. Għaldaqstant it-talba tal-attriċi qiegħda tiġi miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** it-talba ta' Sarah Engerer għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2023, bl-ispejjeż jinġarru kollha mill-istess attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm